# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001**

**Numru 40**

**Cit. Nru. 404/01 GCD**

**Silvercraft Products Limited**

**Vs**

**Anthony sive Toni Bezzina**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf tliet mija u erbatax-il lira u tnejn u disghin centezmu (Lm1,314.92c) rapprezentanti import ta' zewg (2) kambjali wahda ghall-ammont ta' elf mija wiehed u disghin lira u tnejn u disghin centezmu (Lm1,191.92c) u ohra ghall-ammont ta' mija tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm123), debitament accettati, skaduti mill-24 ta' Novembru 2000 u mhux imhallsa;

Illi ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti; u

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf tliet mija u erbatax-il lira u tnejn u disghin centezmu (Lm1,314.92c) hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, il-konvenut ma ghandu l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Angela Xerri, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici (Dok. "A");

Talbet illi din il-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa mis-smigh tal-kawza ghat-ternur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-istess konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf tliet mija u erbatax-il lira u tnejn u disghin centezmu (Lm1,314.92c) fuq imsemmija dovuta kif premess aktar 'il fuq.

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest ta' l-20 ta' Frar 2001.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Angela Xerri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm